**Għażiż Papa Franġisku**

Kemm inħsadt bil-mewta tiegħek
Hekk kif kont dieħel hawn il-Belt,
X'ħin smajt l-aħbar li ħallejtna
Ftakart fl-inkwiet l'għaddejt u l-għelt.

Imma xorta għalkemm kellek
Tbati bqajt tħobb b'qalbek kollha,
Lill-poplu li Alla fdalek
Bik dinjietu tassew għolla.

L-imħabba kbira ġo qalbek
Ħadietek fi mkejjen 'l bogħod,
Biex hemm issaħħaħ lid-dgħajfa
U tisfida lil min hu sod.

Għax mimli wisq bih innifsu
U qiegħed jgħix fi krudeltà,
U int, għażiż missier tagħna
Lilu stedint għall-umiltà.

Lilna l-patrijiet w qassisin
Għallimtna inkunu man-nies,
U ma naħarbux le minnhom
Fil-kunvent jew f'għana bla qjies.

Int biss ridtna nkunu Kristu
Dejjem idur b'dak il-fardal,
Li r-riħa ta' faraġ tiegħu
Tiġbor biss taf, ibda' mill-fdal.

Għentna ħafna nagħrfu sewwa
Qawwet is-sagrament tal-qrar,
Li mhux kamra tat-tortura
Imma fejqan għall-waqt l-imrar.

Kemm ħabbejt l'Ommna Marija
Lilha tajtha mħabba u ġieħ,
Għallimtna mmorru sa għandha
Biex magħha qalbna tant tistrieħ.

Fakkartna fil-kbir Ġużeppi
Kollok imħabba urejtna,
Li meta jkollna problema
Ngħadduhielu, b'hekk ħabbejtna.

Imħabbtek fl-Ewkaristija
Waslitek biex tħaddan 'l kulħadd,

Għax f'qalbek kont taf Franġisku
li ma tħalli 'l barra lil ħadd.

Issa terraq, kompli aħdem
Mis-sema, itlob għalina,
Int li wissejtna kif l-għadu
Għandu ħabta jidħak bina.

Imxi magħna l-mixja l'għandna
Kun għalina f'dan il-mument,
Faraġ, saħħa, ferħ u paċi
Il-Papa tal-akkumpanjament.

Fakkarna li biex lkoll nidħlu
F'dik is-Saltna tal-imberkin,
Għandna bżonn nagħmlu miraklu
Li nibdew nieħdu ħsieb xulxin.

Patri Mario Attard OFM Cap
22 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.